## IL-BARRI

*Jonfoħ, jitħabat, jilbeġ,*
*Marbut u mxikkel seuwa,*
*Il-barri għajjien mejjet,*
*Sa fl-aħħar daħal ġewwa;*
*U x'ħin fil-bitħa huwa xamm ir-riħa*
*Li kienet tixhed it-tixrid tad-dmija,*
*Il-barri għajjat, u b'din l-għajta tiegħu,*
*Kexkex il-biċċerija.*
*Imb'għad xħin kollox reġa' għalli kien,*
*Il-barri raqad raqda*
*Għax ħassu wisq għajjien:*
*Holom għelieqi kbar mimlija ħdura,*
*Fejn jirgħu bhejjem ta' kull għamla w sura,*
*Li kollha hienja taħt ix-xemx bla qies*
*Jirfsu b'riġlejhom xkejjer kbar tal-ġwież.*
*Sakemm minn nagħsa mnejn ħa ftit mistrieħ*
*Qajmitu r-rifsa tal-biċċier ix-xiħ;*
*U kif il-bitħa dwiet bl-għajat u l-kliem,*
*Il-barri dlonk intebaħ*
*Li wasal għalih it-tmiem.*
*Għalhekk, imdejjaq, nafar nafra kbira,*
*Bħal ruħ li tħossha ta' xortiha lsira;*
*Imb'għad xħin f'ġismu ħass ix-xafra dieħla*
*Li qajla qajla bdiet toħroġlu demmu,*
*Il-barri ħares, donnu ried jistaqsi:*
*Għaliex? lill-bniedem li kien qed itemmu.*

Ġorġ Pisani

## ~~HENN GHALINA, MULEJ~~

~~*F'ġieħ l-omm li tibki tul it-tqala mdejqa,*~~
~~*miġnuna bil-ferħ ta' għada,*~~
~~*imriegħda biċ-ċaqliq ta' dak li għandu jkun,*~~
~~*maħsula bi dmugħ l-imħabba li taf tgħinha,*~~
~~*f'ġieħ l-omm li tibki tul it-tqala mdejqa,*~~
~~*Kompatu nin, Sinjoro.*~~